**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/022 |
| **Ilment:** | Abbuż ta' poter fil-ħatra tal-eks ministru Konrad Mizzi bħala konsulent mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta |
| **Ilmentatur:** | Carmel Cacopardo |
| **Data tal-Ilment:** | 28 ta' Jannar 2020 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 5 ta' Ottubru 2020 |

**L-Ilment**

1. Permezz ta' email bid-data tat-28 ta' Jannar 2020 (annessa u mmarkata bħala Dokument A), il-Perit Carmel Cacopardo, Chairperson tal-partit Alternattiva Demokratika ("l-Ilmentatur"), irrefera għal rapporti fil-midja dwar l-għoti ta' kuntratt lill-Onor Dr Konrad Mizzi, eks Ministru għat-Turiżmu, bħala konsulent mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta.

2. L-Ilmentatur osserva li meta sar il-kuntratt, ma kienx hemm ministru għat-turiżmu u r-responsabbiltà ministerjali kienet inżammet mill-Onor Dr Joseph Muscat, li dakinhar kien Prim Ministru. L-Ilmentatur esprima l-fehma li l-għoti tal-kuntratt kien "*nuqqas ta' mġiba etika korretta ta' dawk kollha li kienu involuti*". Għaldaqstant talabni ninvestiga l-għoti tal-kuntratt, "*u dan bl-iskop li tkun eżaminata l-imġiba ta' Joseph Muscat (Prim Ministru), Konrad Mizzi (ex-Ministru u Membru Parlamentari), Gavin Gulia (Chairman tal-Awtorità tat-Turiżmu) u Johann Buttigieg (Chief Executive Officer tal-Awtorità tat-Turiżmu).*"

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

3. L-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta) japplika għad-deputati parlamentari, inkluż il-ministri u s-segretarji parlamentari, u għall-persuni ta' fiduċja. L-Att jiddefinixxi "persuni ta' fiduċja" b'mod ristrett bħala persuni li jaħdmu fis-segretarjat privat ta' ministru jew segretarju parlamentari, u li jaġixxu bħala konsulenti jew fi rwol eżekuttiv.

4. Dr Gavin Gulia, iċ-Chairman tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (l-MTA), u s-Sur Johann Buttigieg, il-Kap Eżekuttiv tal-MTA, la huma deputati parlamentari u lanqas ma huma membri tas-segretarjat privat ta' xi ministru jew segretarju parlamentari. Għaldaqstant ma jaqgħux taħt l-Att u ma jistgħux jiġu investigati minni.

5. Bħala deputat parlamentari, l-Onor Dr Konrad Mizzi huwa marbut bil-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att. F'wieħed mill-ewwel rapporti li ppubblikajt,[1] jiena rrakkomandajt li deputati parlamentari li ma jkunux ministri jew segretarji parlamentari m'għandhomx jibqgħu jingħataw karigi mal-gvern, inkluż bħala konsulenti, inter alia għaliex dan ipoġġihom f'konflitt ta' interess fl-irwol tagħhom bħala deputati li għandhom l-obbligu li jiskrutinizzaw l-operat tal-istess gvern. Madankollu, bħalissa m'hemm ebda dispożizzjoni fil-kodiċi jew f'xi liġi li jżomm deputat parlamentari milli jaċċetta tali kariga. Għaldaqstant m'hemmx bażi fuqiex nista' ninvestiga lil Dr Mizzi.

6. Dr Joseph Muscat kien il-Prim Ministru meta Dr Mizzi ngħata l-kuntratt ta' konsulenza in kwistjoni. Ir-responsabbiltajiet ministerjali ta' Dr Muscat f'dik il-ħabta kienu jinkludu t-turiżmu, u għaldaqstant huwa kien il-ministru responsabbli għall-MTA.

7. F'dan il-kuntest rajt l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (il-Kapitolu 409 tal-liġijiet ta' Malta). L-artikolu 5(3) ta' dan l-Att jgħid li:

> *"Il-Ministru jista', skont kif jidhirlu xieraq, minn żmien għal żmien, jagħti bil-miktub u jippubblika dawk id-direttivi dwar il-politika u l-pjanijiet tal-Gvern li għandhom jiġu addottati u segwiti mill-Awtorità, u l-Awtorità*

---

1 Rapport dwar il-każ K/002, maħruġ fil-5 ta' Lulju 2019 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K002-MT.pdf.

*għandha, kemm jista' jkun malajr, taddotta u ssegwi dawk id-direttivi kollha."*

8. L-artikolu 10 tal-istess Att jgħid li:

*Ħlief bl-approvazzjoni tal-Ministru, l-Awtorità m'għandhiex tagħmel kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjal jew għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet jew għall-għoti ta'servizzi, lil jew favur l-Awtorità, li jkun stmat mill-Awtorità bħala li jinvolvi spiża li teċċedi mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (232,937.34) jew kull ammont ieħor li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi, ħlief wara li jkun ġie pubblikat avviż dwar l-intenzjoni tal-Awtorità li tagħmel dak il-kuntratt u jkunu nħarġu offerti kompetittivi.*

9. Osservajt li l-kuntratt ta' Dr Konrad Mizzi bħala konsulent mal-MTA, li kien ġie żvelat mill-media,[2] kien jaħseb biex Dr Mizzi jitħallas €241,200. Dan l-ammont jaqbeż il-limitu stipulat mill-artikolu 10 tal-Kap 409. L-ammont ma jinkludix il-benefiċċji l-oħra li Dr Mizzi kien intitolat għalihom skont il-kuntratt, jiġifieri karozza bl-ispejjeż kollha imħallsa; driver meta jkollu bżonnu Dr Mizzi; polza internazzjonali ta' assikurazzjoni tas-saħħa għal Dr Mizzi, martu, u dipendenti taħt l-età ta' 25 sena; u telefon ċellulari bl-ispejjeż kollha mħallsa, flimkien ma' servizz tal-internet u spejjeż oħra tat-telekomunikazzjoni. Il-kuntratt ma jikkwantifikax kemm kienu se jiswew dawn il-benefiċċji, iżda jgħid li jekk Dr Mizzi jagħżel li juża l-karozza privata tiegħu minflok karozza tal-MTA, ikun intitolat għall-ħlas ta' €11,400 bħala "lump sum" apparti l-spejjeż tal-użu tagħha.

10. Dan ifisser li jekk il-ħatra ta' Dr Mizzi bħala konsulent saret mill-MTA fuq l-inizjattiva tagħha mingħajr sejħa għall-offerti jew mingħajr l-approvazzjoni tal-Prim Ministru bħala l-ministru responsabbli għall-MTA, dan seta' jirrappreżenta ksur tal-artikolu 10, sakemm il-limitu hemm stipulat ma ġiex miżjud kif jippermetti l-istess artikolu.

[2] Ara https://timesofmalta.com/articles/view/revealed-konrad-mizzis-secret-80000-job-contract-in-full.766732. Il-kuntratt jirreferi għal appendiċi li jelenka l-oqsma li dwarhom Dr Mizzi seta' jintalab jagħti pariri. Dan l-appendiċi ma ġiex ippubblikat iżda ma qistux ta' importanza għall-investigazzjoni tiegħi fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta fl-ittra ta' Dr Joseph Muscat tal-20 ta' Marzu 2020 (Dokument E).

11. Jekk, mill-banda l-oħra, il-ħatra ta' Dr Mizzi saret fuq xi forma ta' direzzjoni politika, tista' potenzjalment tiġi kkunsidrata bħala ksur tal-artikolu 5 tal-Kap 409, għax dan l-artikolu ma jidhirx li jagħti s-setgħa lill-ministru li jagħti direzzjonijiet lill-MTA biex tagħti kuntratt lil individwu speċifiku. L-artikolu 10 jidher li huwa konsistenti mal-artikolu 5 fis-sens li l-ministru jista' biss japprova proposti li jitressqu mill-Awtorità, u mhux jagħti struzzjonijiet hu dwar l-għoti ta' kuntratti.

12. Deherli wkoll li l-ħlas ta' €80,400 fis-sena, apparti l-benefiċċji l-oħra, li Dr Mizzi kien se jkun intitolat għalih skont il-kuntratt seta' jitqies eċċessiv meta mqabbel mas-salarju ta' madwar €56,300 li kellu Dr Mizzi bħala ministru, b'mod partikolari għax il-kuntratt kien jispeċifika li Dr Mizzi ma kienx qed jiġi ingaġġat fuq bażi esklussiva u seta' jagħmel xogħol ieħor.

13. Għal dawn ir-raġunijiet iddeċidejt li għandi ninvestiga l-ilment fir-rigward tal-eks Prim Ministru Dr Joseph Muscat. Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika huma dawn li ġejjin:

- l-artikolu 22(1)(a) u (b), li jirreferu għal azzjoni kontra dak li trid il-liġi u ksur ta' dmir statutorju;
- l-artikolu 22(2), li jsemmi tħaddim ta' setgħat diskrezzjonali b'mod li jikkostitwixxi abbuż ta' poter.

14. Huma relevanti wkoll għall-ilment is-segwenti artikoli tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att:

> *"4.5 Il-Ministri għandhom jaraw li d-dipartimenti governattivi u l-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tagħhom jitmexxew tajjeb u b'għaqal."*
>
> *"5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom."*
>
> *"5.4 Oġġettività – fil-qadi tad-doveri pubbliċi, inkluż fil-ħatriet għall-karigi, l-għoti ta' kuntratti, jew fil-kuntest ta' kull għoti ta' benefiċċji."*
>
> *"5.8 Ġustizzja u rispett – fl-imġiba tagħhom u deċiżjonijiet li jieħdu, il-Ministri għandhom juru rispett lejn l-istituzzjonijiet u għandhom jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż.* [...]*"*

## Il-Kuntest

15. L-Onor Dr Konrad Mizzi nħatar Ministru għat-Turiżmu fid-9 ta' Ġunju 2017. Huwa rriżenja minn din il-kariga, għal raġunijiet li mhumiex relatati ma' dan il-każ, fis-26 ta' Novembru 2019. Sussegwentement il-Prim Ministru Joseph Muscat assuma r-responsabbiltà ministerjali għall-qasam tat-turiżmu.[3]

16. Fid-9 ta' Diċembru 2019, Dr Mizzi nħatar bħala konsulent mal-MTA fuq bażi ta' kuntratt għal servizz, jiġifieri mhux kuntratt ta' impieg. Il-kuntratt kien għal perjodu ta' tliet snin. Il-firmatarji kienu s-Sur Johann Buttigieg, Kap Eżekuttiv tal-MTA, u Dr Mizzi. Ma jidhirx li din il-ħatra ġiet imħabbra pubblikament mill-gvern jew mill-MTA.

17. Dr Joseph Muscat irriżenja mill-kariga ta' Prim Ministru, ukoll għal raġunijiet mhux relatati ma' dan il-każ, fit-13 ta' Jannar 2020. L-Onor Dr Robert Abela sar Prim Ministru u l-Onor Julia Farrugia Portelli ġiet maħtura bħala Ministru għat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur.

18. L-eżistenza tal-kuntratt ta' Konrad Mizzi bħala konsulent mal-MTA ġiet żvelata mill-midja fis-27 ta' Jannar 2020.[4] Fit-28 ta' Jannar il-Ministru Farrugia Portelli ħabbret li wara li ħadet parir legali hija tat struzzjonijiet lill-MTA biex il-kuntratt jiġi terminat b'effett immedjat. Hija qalet ukoll li ebda pagamenti taħt il-kuntratt ma kienu saru lil Dr Mizzi. L-għada l-Prim Ministru Robert Abela żied jgħid li Dr Mizzi ma kien se jirċievi ebda kumpens talli l-kuntratt ġie terminat.[5]

## Proċedura tal-Investigazzjoni

19. Fis-27 ta' Frar 2020, jiena ktibt lil Dr Gavin Gulia, Chairman tal-MTA (ittra annessa bħala Dokument B). F'din l-ittra tlabt lil Dr Gulia jinformani "*jekk ġietx miksuba l-approvazzjoni tal-Prim Ministru, li dak iż-żmien kien ministru risponsabbli għat-turiżmu, qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt ma' Dr Mizzi, stante*

3 Notifikazzjoni tal-Gvern nru 1520 datata 27 ta' Novembru 2019, maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern tal-istess data.

4 Ara https://timesofmalta.com/articles/view/konrad-mizzi-given-80000-consultancy-job-two-weeks-after-resigning-as.766708.

5 Ara https://timesofmalta.com/articles/view/pac-urged-to-urgently-consider-konrad-mizzi-consultancy-contract.766879 u https://timesofmalta.com/articles/view/konrad-mizzi-will-not-get-compensation-for-cancelled-80000-contract.766963.

*li l-valur tal-kuntratt, skont kif ġie rappurtat, kien jeċċedi l-ammont iffissat mill-artikolu 10 tal-Kapitolu 409*."

20. Dr Gulia wieġeb permezz ta' ittra datata 3 ta' Marzu 2020 (annessa bħala Dokument Ċ). F'din l-ittra huwa qal:

> "*Wara li għamilt verifiki mal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, ngħid li l-Kap Eżekuttiv kien infurmat li l-Prim Ministru, li dak iż-żmien kien hu nnifsu politikament responsabbli mill-Ministeru tat-Turiżmu u mill-Awtorità, kien ta d-direzzjoni biex isir it-tali kuntratt ta' konsulenza mal-persuna kkonċernata.*
>
> *Il-Kap Eżekuttiv kien ivverifika hu stess mal-Prim Ministru li kien qed jagħti l-awtorizzazzjoni tiegħu biex isir*."

21. Fis-6 ta' Marzu 2020 jiena ktibt lill-Onor Dr Joseph Muscat (ittra annessa bħala Dokument D). Inkludejt kopja tal-ilment u tal-ittra mingħand iċ-Chairman tal-MTA. Fl-ittra jiena għamilt l-osservazzjonijiet li jidhru fil-paragrafi 11 u 12 ta' dan ir-rapport, u kkwotajt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika u tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari li huma riprodotti fil-paragrafi 13 u 14 ta' dan ir-rapport. Tlabt lil Dr Muscat jagħtini r-reazzjonijiet tiegħu dwar l-ilment.

22. Dr Muscat wieġeb fl-20 ta' Marzu 2020 (ittra annessa bħala Dokument E). Huwa ta dawn ir-raġunijiet għall-ħatra ta' Dr Mizzi bħala konsulent:

> "*F'mument ta' tranżizzjoni politika u amministrattiva, u mar-riżenja ta' Dr Konrad Mizzi minn Ministru għat-Turiżmu, ir-responsabbiltà tal-Gvern kienet titlob li l-industrija tat-turiżmu tara kontinwità.*
>
> *Mar-riżenja tiegħu mill-Kabinett tal-Ministri, Dr Mizzi wera d-disponibilità tiegħu li jassisti l-isforzi tal-Gvern fl-interess nazzjonali fi żmien meta jien kont għadni kif assumejt taħt il-portafoll tal-Prim Ministru dawk ir-responsabbiltajiet u entitajiet li kienu jaqgħu taħt il-Ministeru tat-Turiżmu. Kienet ukoll fażi tranżitorja fejn l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta kienet ingaġġat Kap Eżekuttiv ġdid, il-proċess ta' ristrutturar tal-Air Malta taħt id-direzzjoni ta' Dr Konrad Mizzi kien għadu qed jiġi implimentat, u l-istrateġija ta' swieq ġodda għat-turiżmu kienet qed tiġi aġġornata u mwettqa.*"

23. Dr Muscat qal ukoll li l-ilment jirrappreżenta "*allegazzjoni ġenerika*" u għandu jitqies bħala "*kritika politika partiġġjana li mhix imsejsa la fuq il-fatti u lanqas fuq il-liġi*."

24. Fir-rigward tal-liġijiet applikabbli, Dr Muscat ikkwota l-artikolu 6(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (il-Kapitolu 595 tal-liġijiet ta' Malta), li jgħid:

> "*Meta Ministru jkun ingħata responsabbiltà għal xi dipartiment, aġenzija jew entità tal-Gvern skont l-artikolu 82 tal-Kostituzzjoni, dak il-Ministru għandu jkollu, skont l-artikolu 92 tal-Kostituzzjoni u bla ħsara għall-artikolu 6 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, id-direzzjoni ġenerali u l-kontroll ta' kull dipartiment, aġenzija u entità tal-Gvern li jistgħu jitqiegħdu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u jista' jagħti direzzjonijiet direttament lill-kap tad-dipartiment, lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, lill-Bord tad-Diretturi jew lil kull impjegat li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, dwar kull ħaġa ħlief dwar ħwejjeġ fejn il-kap ta' dipartiment, Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, Bord tad-Diretturi jew impjegat ieħor ikunu meħtieġa b'xi liġi li jaġixxu –*
>
> *(a) b'mod indipendenti; jew*
>
> *(b) skont id-direzzjoni ta' persuna jew awtorità oħra li ma tkunx il-Ministru:*
>
> *Iżda meta jkun inħatar Segretarju Permanenti biex jissorvelja d-dipartiment, l-aġenzija jew l-entità tal-Gvern relattiva, il-Ministru għandu jgħarraf lis-Segretarju Permanenti li jkun ta dawk id-direzzjonijiet:*
>
> *Iżda wkoll kull uffiċjal pubbliku li jirċievi direzzjonijiet mill-Ministru għandu minnufih jgħarraf lis-Segretarju Permanenti li jkunu ngħataw tali direzzjonijiet mill-Ministru.*"

25. Dr Muscat kompla billi qal: "*Bħala Prim Ministru, u bħala Ministru responsabbli mill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, imxejt kif previst mil-liġi msemmija. Għalhekk, mhumiex l-artikoli ċitati minnek li huma applikabbli għal dawn id-direzzjonijiet iżda huma d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-poteri ministerjali fl-amministrazzjoni pubblika*."

26. In kwantu għall-artikoli 5 u 10 tal-Kap 409, Dr Muscat qal li "*jkun ferm aktar ġust li dawn jiġu ċitati b'mod sħiħ fejn allura jidher b'mod ċar li l-iskop u l-kuntest ta' dawn l-artikoli huwa differenti u ma jistax jiġġebbed għat-tifsira li ssuġġerejt int*." Flimkien mal-artikoli 5(3) u 10, diġà kkwotati fil-paragrafi 7 u 8 ta' dan ir-rapport, huwa kkwota l-artikolu 5(2), li jgħid:

*"Fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha, l-Awtorità taddotta u ssegwi l-politika u l-pjanijiet tal-Gvern u barra minn hekk taġixxi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull liġi oħra li tapplika; u l-Awtorità tista' tagħmel dawk l-investimenti, kif japprova l-Ministru, u li jkunu meqjusa li jgħinu fil-promozzjoni u l-avvanz ta' Malta bħala destinazzjoni turistika."*

27. Dr Muscat qal li jidher ċar mill-artikoli 5(2) u 5(3) li "*l-iskop tagħhom kien li jobbliga lill-Awtorità li teżegwixxi l-politika (policies) u l-pjanijiet tal-Gvern fil-qasam tat-turiżmu; kif ukoll li tassigura li l-investimenti meqjusa li jgħinu fil-promozzjoni u l-avvanz ta' Malta bħala destinazzjoni turistika, jiġu approvati mill-Ministru.*" L-iskop tal-artikolu 10 "*mhuwiex li jillimita f'xi mod il-poteri tal-Ministru kif maħsuba fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Għall-kuntrarju l-iskop tal-artikolu 10 huwa li jillimita l-poter tal-Awtorità li waħedha tagħmel kuntratt ta' provvista jew xogħolijiet li jeċċedu l-€232,937.34*."

28. Dr Muscat żied jgħid:

*"Għalhekk huwa ċar li l-interpretazzjoni tiegħek tmur għal kollox kontra l-awtorità statutorja li għandu Ministru fuq l-entitajiet li jaqgħu fil-portafoll ministerjali tiegħu, skont l-artikolu 6(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, u li jien ċert li int familjari miegħu u wżajt, b'mod korrett, meta kont f'kariga eżekuttiva.[6] Il-fatt li l-Awtorità ma tistax tagħmel ċertu nfiq mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Ministru ma jfissirx li l-Ministru ma jistax hu jagħti direzzjoni lill-Awtorità.*

*In kwantu għall-fehma espressa minnek dwar il-ħlas maħsub fil-kuntratt ta' servizz mogħti lil Dr Mizzi, fejn inti għedt li huwa eċċessiv, nistqarr li dik hija opinjoni soġġettiva. Wieħed irid iżid iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż il-ħtieġa kritika għas-servizz mitlub u l-ħiliet ta' min intalab jipprovdi s-servizzi, qabel jiġġudika l-ingaġġ bil-kundizzjonijiet indikati. Ma narax ir-rilevanza ta' tqabbil ta' drittijiet professjonali mal-paga ta' Ministru, ġaladarba Ministru ma jagħtix servizzi professjonali lill-Gvern, iżda jservi f'pożizzjoni politika skont il-Kostituzzjoni, liema pożizzjoni hemm marbuta magħha salarju speċifiku. Jien bħala Prim Ministru, Membri fil-Gvern tiegħi, predeċessuri tiegħi u Membri fil-Gvernijiet tagħhom b'mod*

[6] Mhux ċar għal xiex qed jirreferi Dr Muscat hawnhekk. Jiena servejt f'kariga eżekuttiva bħala Segretarju Parlamentari bejn l-1999 u l-2003. L-ewwel Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (il-Kapitolu 497) sar liġi fl-2009.

*sistematiku approvaw ħatriet simili bi ħlasijiet ogħla minn tagħhom, u saħansitra ogħla minn dak li qed jiġi skrutinizzat.*

*Meqjus dan, qiegħed nirrespinġi bil-qawwa kollha s-suġġeriment li jien b'xi mod aġixxejt b'mod mhux etiku, u partikularment li jien aġixxejt kontra dak li trid il-liġi u bi ksur ta' dritt statutorju (artikolu 22(1)(a) u (b) tal-Kap. 570) jew li ħaddimt setgħat diskrezzjonali b'mod li jikkostitwixxi abbuż ta' poter (artikolu 22(2)). Nassigurak li l-aġir tiegħi f'din il-materja, bħal f'każijiet oħra ta' amministrazzjoni pubblika, kien wieħed għaqli, u fl-aħjar interess pubbliku."*

**Konsiderazzjonijiet**

*Is-setgħat tal-ministru*

29. L-interpretazzjoni tal-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (il-Kap 409) hija ċentrali f'dan il-każ, kif inhi wkoll ir-relazzjoni bejn dan l-Att u l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (il-Kap 595).

30. L-artikolu 5(2) tal-Kap 409 tobbliga lill-MTA li "*tadotta u ssegwi l-politika u l-pjanijiet tal-Gvern*". L-istess artikolu jagħti s-setgħa lill-ministru li "*japprova*" l-investimenti li tkun bi ħsiebha tagħmel l-MTA. Il-kliem "*politika*" (policy) u "*pjanijiet*" jirreferu għal direzzjonijiet fuq livell ġenerali. Ma narax kif dawn il-kliem jistgħu ikopru istruzzjoni lill-MTA li għandha tingaġġa lil xi individwu partikolari bħala konsulent. Istruzzjoni simili ma tittrattax dwar politika jew pjan iżda dwar l-operat, li mhux kopert mill-artikolu 5(2).

31. Fir-rigward ta' "*investimenti*", is-setgħa tal-ministru skont l-artikolu 5(2) hija limitata għall-approvazzjoni ta' proposti li għandhom jiġu mill-MTA. Huwa ma jistax jordna lill-MTA li tagħmel investiment li jkun identifika hu. Jekk il-ministru jagħmel hekk ikun qiegħed jeċċedi s-setgħat legali tiegħu.

32. L-istess jgħodd għall-artikolu 10 tal-Kap 409. Dan l-artikolu jagħti s-setgħa lill-ministru li japprova kuntratt ta' valur ogħla minn €232,937.34 jekk il-kuntratt ma jingħatax wara sejħa għall-offerti. L-artikolu 10 huwa maħsub bħala salvagwardja kontra l-abbuż fis-sens li l-ministru jista' jiżgura li l-MTA ma tagħtix kuntratti ta' valur għoli mingħajr ma toħroġ sejħiet għall-offerti, sakemm ma jkunx hemm bżonn ġenwin għal dan. Dan l-artikolu ma jippermettix li ministru stess jordna lill-MTA biex tagħti kuntratt lil xi individwu partikolari mingħajr ma toħroġ sejħa għall-offerti. Kieku jiġi interpretat li jagħti

t-tali setgħa lill-ministru, l-artikolu 10 ma jibqax salvagwardja kontra l-abbuż iżda jsir mekkaniżmu li jiffaċilitah.

33. L-artikolu 5(3) tal-Kap 409 huwa dispożizzjoni "residwali" dwar is-setgħat tal-ministru, fis-sens li dan l-artikolu japplika fejn ma japplikawx setgħat li joħorġu minn dispożizzjonijiet oħra aktar speċifiċi. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-ministru jista' jagħti istruzzjonijiet biss "*dwar il-politika u l-pjanijiet tal-Gvern*". Kif diġà għedt, dan ma jkoprix istruzzjoni lill-MTA biex tingaġġa lil xi individwu partikolari bħala konsulent. Barra minn hekk, l-istruzzjonijiet ministerjali taħt l-artikolu 5(3) għandhom jiġu ppubblikati. Din id-dispożizzjoni hija salvagwardja biex tesponi l-istruzzjonijiet ministerjali għall-iskrutinju tal-pubbliku u tiżgura li l-ministru ma jeċċedix il-poteri tiegħu.

34. L-artikolu 5(3) jsaħħaħ l-interpretazzjoni tiegħi tal-artikoli 5(2) u 10, għaliex kieku dawn jagħtu lok għal istruzzjonijiet ministerjali dwar l-operat tal-MTA, ikunu qed jimminaw is-salvagwardja fl-artikolu 5(3) u jirrenduha inutli.

35. Mill-banda l-oħra, l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (il-Kap 595) jagħti lill-ministri setgħat ta' direzzjoni ħafna aktar estensivi fir-rigward tal-entitajiet li jaqgħu taħthom, kif jindika Dr Muscat. Bis-saħħa tal-artikolu 6(1) ta' dan l-Att il-ministru jista' jagħti istruzzjonijiet mhux biss lill-bord tad-diretturi tal-entità iżda anki lill-kap eżekuttiv u addirittura lill-impjegati l-oħra tal-entità. Dawn l-istruzzjonijiet jistgħu ikunu dwar kull ħaġa, inkluż dwar l-operat, bl-eċċezzjoni biss ta' materji li l-entità bil-liġi hija obbligata tiddeċiedi dwarhom hi b'mod indipendenti jew obbligata timxi skont id-direzzjoni ta' terzi.

36. L-artikolu 6(1) tal-Kap 595 hu kważi identiku għall-artikolu 6(1) fl-ewwel Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, dak tal-2009 (il-Kapitolu 497), li introduċa s-setgħat ministerjali in kwistjoni. Il-Kap 497 ġie mħassar mill-Kap 595 meta dan tal-aħħar daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2019.

37. Il-Kap 409, li jirregola lill-MTA, u l-Kap 595, li jirregola l-amministrazzjoni pubblika b'mod ġenerali, huma f'konflitt fir-rigward tas-setgħat ta' direzzjoni tal-ministru. Tqum għalhekk id-domanda dwar liema liġi għandha tirbaħ. Hawnhekk wieħed jista' jġib l-argument li bis-saħħa tal-Kap 409, l-MTA effettivament tista' tiddeċiedi dwar l-operat tagħha b'mod indipendenti mill-ministru, u allura dan il-qasam jaqa' taħt l-eċċezzjoni fl-artikolu 6(1) tal-Kap 595. Barra minn hekk, l-artikolu 2(3) tal-Kap 595 jgħid bl-aktar mod speċifiku x'għandu jiġri f'każ ta' konflitt ma' liġi oħra:

> "*Kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Att, meta dispożizzjoni ta' dan l-Att ma tkunx taqbel mad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra li tirregola dipartiment, aġenzija jew entità tal-Gvern, il-liġi l-oħra għandha tipprevali.*"

38. Fl-ittra tiegħu Dr Muscat jgħid li huwa mexa "*kif previst mil-liġi msemmija*", jiġifieri skont l-artikolu 6(1) tal-Kap 595, u mhux skont il-Kap 409. Huwa ma jirrikonoxxix il-konflitt bejn iż-żewġ liġijiet. Madankollu l-konflitt jeżisti, u għaldaqstant il-Kap 409 jipprevali fuq il-Kap 595. Dan ifisser li Dr Muscat bħala l-ministru responsabbli għall-MTA ma kellux is-setgħa li jagħti istruzzjonijiet lil din l-awtorità biex toffri kuntratt ta' konsulenza lil Dr Konrad Mizzi mingħajr ma toħroġ sejħa għall-offerti. Meta għamel dan huwa eċċeda s-setgħat mogħtija lilu mil-liġi.

39. Fl-ittra tiegħu tat-3 ta' Marzu 2020 (id-Dokument Ċ), iċ-Chairman tal-Awtorità jagħtini x'jifhem li l-istruzzjoni tal-Prim Ministru biex Dr Mizzi jingħata kuntratt ta' konsulenza ngħatat lill-Kap Eżekuttiv tal-MTA. Dan ifisser li l-bord tat-tmexxija tal-MTA, jew kif jissejjaħ fil-Kap 409, "l-Awtorità", inqabeż kompletament. Ġaladarba l-artikolu 6(1) tal-Kap 595 ma japplikax, Dr Muscat ma kellux is-setgħa jaqbeż il-bord. Għaldaqstant Dr Muscat eċċeda s-setgħat legali tiegħu mhux biss minħabba l-kontenut tal-istruzzjoni li ta, imma wkoll minħabba l-mod ta' kif ta dik l-istruzzjoni.

*Il-valur tal-kuntratt*

40. Fl-ittra tiegħu, Dr Muscat jgħid li hija opinjoni suġġettiva jekk il-valur tal-kuntratt kienx eċċessiv jew le. Dan huwa minnu. Jgħid li ta' spiss ġew ingaġġati konsulenti, sew mill-gvern tiegħu u sew minn gvernijiet preċedenti, bi ħlas ogħla mill-paga ta' ministru u saħansitra ogħla minn dak speċifikat fil-kuntratt ta' Konrad Mizzi.

41. Però, dan il-fatt ma jistax jintuża biex jiġġustifika l-kuntratt ta' Dr Mizzi fiċ-ċirkostanzi partikolari li fih ingħata. Inoltre kif diġà għedt f'rapporti oħra, jiena ġejt maħtur b'riżoluzzjoni unanima tal-Parlament bil-għan li nagħti kontribut biex jogħlew l-istandards fil-ħajja pubblika f'Malta. Ikun inkonsistenti ma' dan il-għan jekk il-prattiċi tal-passat, li kieku stess kienu simili, jintużaw bħala ġustifikazzjoni ta' dawk preżenti.

42. Huwa minnu wkoll li diffiċli li wieħed jistabbilixxi kejl biex jiddetermina b'mod oġġettiv jekk il-valur ta' kuntratt simili hux ġustifikat jew le. Madankollu,

ma nistax ma nosservax li filwaqt li skont il-kuntratt Dr Mizzi kien intitolat għal €6,700 fix-xahar u benefiċċji oħra, il-kuntratt la kien jispeċifika s-sigħat ta' xogħol li Dr Mizzi kien mistenni jaħdem, u lanqas ma kien jorbot il-ħlas mat-twettiq ta' responsabilitajiet partikolari. B'kuntrast, il-kuntratt imfassal mill-gvern għal min jinħatar bħala persuna ta' fiduċja biex jagħmel xogħol ta' konsulent f'ministeru jispeċifika l-medja ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa li għandu jaħdem il-konsulent.[7] Dan jagħmilha possibbli biex wieħed jiddetermina jekk il-konsulent hux qed jagħti l-kontribut mistenni minnu. Il-kuntratt ta' Dr Mizzi ma kien fih ebda mekkaniżmu simili. Dan huwa nuqqas serju li fih innifsu jirrendi l-kuntratt "ġeneruż" iżżejjed ma' Dr Mizzi.

43. Dan il-punt jassumi importanza partikolari fid-dawl tal-istqarrija ta' Dr Muscat li "*Dr Mizzi wera d-disponibilità tiegħu li jassisti l-isforzi tal-Gvern fl-interess nazzjonali fi żmien meta jien kont għadni kif assumejt taħt il-portafoll tal-Prim Ministru dawk ir-responsabbiltajiet u entitajiet li kienu jaqgħu taħt il-Ministeru tat-Turiżmu.*" Hawnhekk Dr Muscat qed jagħti x'jifhem li hu personalment ħass il-bżonn tal-assistenza ta' Dr Konrad Mizzi. Din l-interpretazzjoni tingħata s-saħħa mill-fatt li, skont Dr Muscat, Dr Konrad Mizzi kien mistenni jagħti pariri mhux biss dwar it-turiżmu imma anki dwar ir-ristrutturar tal-Air Malta – materja li ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-MTA. Iżda jekk dan kien minnu, ma kienx jagħmel sens li Dr Mizzi jiġi ngaġġat bħala konsulent mal-MTA flok mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Kien ikun doppjament diffiċli għall-MTA li tiżgura li Dr Mizzi qed jagħmel ix-xogħol mistenni minnu jekk kien se jingħata l-inkarigi tiegħu mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

44. Dr Muscat jiġġustifika l-ingaġġ ta' Konrad Mizzi bħala konsulent billi jgħid li kien se jipprovdi kontinwità wara r-riżenja tiegħu minn ministru. Iżda Dr Muscat jgħid ukoll, korrettament fil-fehma tiegħi, li "*Ministru ma jagħtix servizzi professjonali lill-Gvern, iżda jservi f'pożizzjoni politika skont il-Kostituzzjoni*". Infatti huma l-uffiċjali fil-ministeru, fl-MTA u fl-Air Malta li jagħtu kontribut professjonali u tekniku fl-iżvilupp ta' policies u strateġiji, u li jimplimentaw dawk il-policies u strateġiji ġaladarba l-gvern ikun qabel magħhom. Huma dawn l-uffiċjali li għandhom jipprovdu kontinwità meta jinbidel il-ministru. Għalhekk ma nistax nifhem kif, biex ikun hemm kontinwità,

---

[7] "Template B1 – Standard Agreement for the Engagement of a Policy Consultant on a Person of Trust Basis (Non-Public Officer/Non-Public Employee)", aċċessibbli minn https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx.

l-eks ministru nnifsu kellu jiġi ngaġġat bħala konsulent biex jagħmel ix-xogħol professjonali li suppost diġà kien qed isir minn ħaddieħor.

45. Għal dawn ir-raġunijiet inħoss li l-ġustifikazzjoni ppreżentata minn Dr Muscat għall-ingaġġ ta' Dr Konrad Mizzi bħala konsulent mal-MTA mhix valida. Għandu jiġi notat li dina tidher li kienet ukoll il-fehma tas-suċċessur ta' Dr Muscat bħala Prim Ministru u tal-Ministru għat-Turiżmu l-ġdida billi huma tterminaw il-kuntratt ta' Dr Mizzi stante li huma wkoll evidentement ħassew li ma kienx ġustifikat.

46. L-ingaġġ ta' Dr Mizzi jidher li huwa konsistenti mal-prattika li deputati parlamentari tan-naħa tal-gvern jingħataw xi forma ta' kariga oħra mal-gvern bħala konsolazzjoni meta ma jinħatrux bħala ministri jew segretarji parlamentari, kif jirriżulta mir-rapport dwar il-każ K/002.[8] Jekk hu hekk, kif diġà esprimejt ruħi fl-imsemmi rapport, dan huwa ħażin. Iżda jista' jkun ukoll li f'dan il-każ il-konsulenza setgħet ingħatat biex tagħmilha aktar faċli biex Dr Mizzi jirriżenja mill-kariga, u fl-istess waqt jibqa' jagħmel ix-xogħol li kien qed jagħmel bħala ministru, dak li Dr Muscat fl-ittra tiegħu isejjaħ "kontinwità" (b'salarju u kondizzjonijiet ferm ogħla).

47. Il-kwistjoni dwar jekk hix skont il-liġi l-istruzzjoni mogħtija minn Dr Muscat lill-MTA biex tingaġġa lil Konrad Mizzi bħala konsulent hija waħda oġġettiva. Il-kwistjoni dwar jekk kienx ġustifikat l-ingaġġ ta' Konrad Mizzi bħala konsulent hija separata, u hija suġġettiva. Min jokkupa kariga ta' skrutinju fuq l-amministrazzjoni, kif nagħmel jien, m'għandux jissostitwixxi l-ġudizzju ta' membru tal-amministrazzjoni fuq kwistjoni suġġettiva bil-ġudizzju tiegħu personali, sakemm id-deċiżjoni meħuda hija raġonevoli. Għalhekk jiena kont dispost li naċċetta l-ġustifikazzjoni tal-eks Prim Ministru Joseph Muscat dwar il-bżonn li Dr Konrad Mizzi jiġi ngaġġat bħala konsulent. Ir-raġuni li mhux qed naċċetta l-ġustifikazzjoni tiegħu hija għax mhix konsistenti mal-mod ta' kif sar l-ingaġġ u għax hija kontradittorja fiha nnifisha, kif indikat fuq.

---

[8] Ara r-rapport relatat, li ġie maħruġ fil-5 ta' Lulju 2019 u huwa aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K002-MT.pdf.

**Konklużjonijiet**

48. L-istruzzjoni mogħtija minn Dr Muscat lill-MTA biex toffri kuntratt ta' konsulenza lil Dr Mizzi eċċediet is-setgħat legali ta' Dr Muscat bħala l-ministru responsabbli għal din l-awtorità. Għaldaqstant din l-istruzzjoni da parti ta' Dr Muscat *prima facie* tirrappreżenta:

(a) azzjoni kontra dak li trid il-liġi, skont kif imsemmi fl-artikolu 22(1)(a) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika; u

(b) ksur tal-artikolu 5.8 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-istess Att, u li jesiġi li "*fl-imġiba tagħhom u deċiżjonijiet li jieħdu, il-Ministri għandhom juru rispett lejn l-istituzzjonijiet u għandhom jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż*".

49. Fil-fehma tiegħi, l-istruzzjoni ta' Dr Muscat biex Dr Mizzi jiġi ngaġġat bħala konsulent tirrappreżenta wkoll:

(a) it-tħaddim ta' setgħat diskrezzjonali b'mod li jikkostitwixxi abbuż ta' poter, kif imsemmi fl-artikolu 22(2) tal-Att;

(b) ksur tal-artikolu 4.5 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jobbliga lill-ministri jaraw li "*d-dipartimenti governattivi u l-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tagħhom jitmexxew tajjeb u b'għaqal*"; u

(ċ) ksur tal-artikolu 5.3 tal-istess Kodiċi, li jesiġi li l-ministri "*għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi*".

50. Ma nistax ma nikkummentax dwar l-irwol tal-Kap Eżekuttiv tal-MTA u taċ-Chairman tal-Awtorità, għalkemm dawn mhumiex parti mill-investigazzjoni tiegħi. Fil-fehma tiegħi, meta l-Kap Eżekuttiv irċieva l-istruzzjoni mingħand il-Prim Ministru messu rreferiha liċ-Chairman u talab direzzjoni mingħandu dwar kif għandu jimxi. Jekk il-Kap Eżekuttiv lanqas informa liċ-Chairman bl-istruzzjoni tal-Prim Ministru, irrenda ruħu kompliċi fit-tixjin tal-bord li suppost kien leali lejh. Jekk mill-banda l-oħra huwa nforma liċ-Chairman, iżda dan ħalla kollox għaddej, ifisser li ċ-Chairman m'għamel xejn biex isostni l-pożizzjoni tal-bord. Donnu kien kuntent li jinqabeż basta ma jkollux jerfa' responsabbiltà. Fl-ittra tiegħu iċ-Chairman ma jgħidx meta sar jaf bil-kuntratt, iżda ma jindikax li ħa xi azzjoni anki meta l-eżistenza tal-kuntratt ġiet żvelata. Sew iċ-Chairman u sew il-Kap Eżekuttiv ma jidhrux li ħadu xi azzjoni biex jissalvagwardaw il-liġi u jibżgħu għall-fondi pubbliċi, u b'hekk naqsu mir-responsabbiltà tagħhom. Biex

jinżammu standards għolja fil-ħajja pubblika hemm bżonn li persuni f'karigi simili ma joqogħdux għal kollox.

51. Hija prattika ħażina li ministru jaqbeż il-bord tat-tmexxija ta' entità u jagħti direzzjonijiet lill-impjegati li suppost jobdu l-bord, anki fejn jgħodd l-artikolu 6(1) tal-Kap 595. Din il-prattika tmur kontra kull prinċipju ta' governanza tajba u tagħti lok għall-abbuż. L-awtorità tal-bord tkun qed tinġieb fix-xejn, u l-membri tal-bord jistgħu isibu ruħhom f'sitwazzjoni fejn ikollhom iwieġbu għal deċiżjonijiet irregolari ta' ħaddieħor.

52. Kif diġà indikajt, l-artikolu 6(1) tal-Kap 595 oriġina bħala parti mill-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika tal-2009, jiġifieri ma jirrappreżentax żvilupp riċenti. Madankollu, nirrakkomanda li dan l-artikolu jiġi rivedut fid-dawl tal-importanza li bħalissa ġustament qed tingħata lill-governanza tajba. Il-ministru m'għandux jassumi hu l-irwol ta' tmexxija ta' entità, mhux biss fil-każ tal-MTA imma anki fil-każ ta' kull entità oħra tal-gvern. Dawn l-entitajiet ma twaqqfux biex iservu ta' paraventu għall-aġir, possibbilment abbużiv, tal-ministri. B'mod partikolari, il-ministru għandu jibqa' distakkat minn deċiżjonijiet dwar l-impieg ta' ħaddiema u l-għoti ta' kuntratti minħabba fir-riskju li l-impiegi u l-kuntratti jingħataw bħala favuri politiċi, jew għal raġunijiet oħra, u mhux skont il-mertu.

53. Dan ir-rapport qed jiġi mgħoddi lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika skont kif maħsub fl-artikolu 22(3) tal-Kap 570 għal kwalsiasi azzjoni li jidhirlu xieraq ai termini tal-artikoli 27 u 28 tal-Kap 570. Skont il-proċedura miftehma fil-Kumitat fit-2 ta' April 2019, jiena miniex se nippubblika dan ir-rapport f'dan l-istadju, iżda se ninforma lill-Ilmentatur u lill-Onor Dr Joseph Muscat li jiena ppreżentajt ir-rapport lill-Kumitat. Il-Kumitat jiddeċiedi hu meta għandu jirrilaxxa dan ir-rapport, iżda r-rakkomandazzjoni tiegħi hi li l-Kumitat għandu jirrilaxxa r-rapport fl-iqsar żmien prattikabbli fl-interess tat-trasparenza.

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

## Dokumenti Annessi

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email mingħand il-Perit Carmel Cacopardo bid-data tat-28 ta' Jannar 2020. |
| Dokument B | Ittra datata 27 ta' Frar 2020 lil Dr Gavin Gulia, Chairman tal-MTA. |
| Dokument Ċ | Risposta ta' Dr Gulia bid-data tat-3 ta' Marzu 2020. |
| Dokument D | Ittra datata 6 ta' Marzu 2020 lill-Onor Dr Joseph Muscat. |
| Dokument E | Risposta ta' Dr Muscat bid-data tal-20 ta' Marzu 2020. |

DOKUMENT A 1

**George Hyzler - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

**From:** carmel.cacopardo@alternattiva.org.mt
**Sent:** Tuesday, January 28, 2020 7:02 PM
**To:** George Hyzler - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Cc:** Ralph Cassar
**Subject:** talba ghal investigazzjoni

Ghaziz Dr Hyzler,

Nirreferi ghall-kuntratt ta' konsulenza li l-Awtorita tat-Turizmu tat lil Onorevoli Konrad Mizzi wara li spicca minn Ministru u li l-lejla thabbar mill-Ministru Julia Farrugia li gie annullat.

Dwar iktar dettalji ara:
https://www.maltatoday.com.mt/news/national/100036/watch_tourism_minister_expects_decision_on_konrad_mizzi_contract_in_coming_hours#.XjB1FW5FzIU
https://timesofmalta.com/articles/view/pac-urged-to-urgently-consider-konrad-mizzi-consultancy-contract.766879
https://timesofmalta.com/articles/view/revealed-konrad-mizzis-secret-80000-job-contract-in-full.766732

Reads 1A–1C

L-ghoti ta' dan il-kuntratt kien fil-fehma tieghek nuqqas ta' imgieba etika korretta ta' dawk kollha li kienu involuti.

Dan il-kuntratt sar fiz-zmien meta ma kienx hemm Ministru tat-Turizmu fil-kariga u allura r-responsabbilta Ministerjali kienet ta' l-Onorevoli Joseph Muscat, dakinnhar Prim Ministru.

Nitolbok ghaldaqstant biex tinvestiga l-ghoti ta' dan il-kuntratt u dan bl-iskop li tkun ezaminata l-imgieba ta' Joseph Muscat (Prim Ministru), Konrad Mizzi (ex-Ministru u Membru Parlamentari), Gavin Gulia (Chairman tal-Awtorita tat-Turizmu) u Johann Buttigieg (Chief Executive Officer tal-Awtorita tat-Turizmu).

Nirringrazzjak tal-attenzjoni.

Carmel Cacopardo
Chairperson – Alternattiva Demokratika

Tel : +356 9949 3903

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

DOKUMENT B

27 ta' Frar 2020

Dr Gavin Gulia
Chairman
L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta
Suites 301-306, Bini SCM 01
SmartCity Malta
Il-Kalkara SCM 1001

Bil-posta u bl-email fuq info@visitmalta.com

Dr Gulia

**Ilment dwar il-kuntratt ta' konsulenza mogħti mill-Awtorità tat-Turiżmu lil Dr Konrad Mizzi**

Qed nikkunsidra ilment fejn ġejt mitlub ninvestiga l-għoti ta' kuntratt ta' konsulenza mill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta lill-eks Ministru Konrad Mizzi f'Diċembru 2019.

Nosserva li l-artikolu 10 tal-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (il-Kapitolu 409 tal-liġijiet ta' Malta) jgħid hekk:

> *"Ħlief bl-approvazzjoni tal-Ministru, l-Awtorità m'għandhiex tagħmel kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjal jew għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet jew għall-għoti ta'servizzi, lil jew favur l-Awtorità, li jkun stmat mill-Awtorità bħala li jinvolvi spiża li teċċedi mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (232,937.34) jew kull ammont ieħor li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi, ħlief wara li jkun ġie pubblikat avviż dwar l-intenzjoni tal-Awtorità li tagħmel dak il-kuntratt u jkunu nħarġu offerti kompetittivi."*

Nosserva wkoll li l-valur tal-kuntratt mogħti lil Dr Konrad Mizzi skont kif ġie rappurtat kien jammonta għal €241,200, mingħajr ma wieħed jieħu in

konsiderazzjoni l-vettura u l-assikurazzjoni dwar is-saħħa li kienu nklużi fil-kuntratt.

Għaldaqstant inti mitlub tinformani jekk ġietx miksuba l-approvazzjoni tal-Prim Ministru, li dak iż-żmien kien ministru risponsabbli għat-turiżmu, qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt ma' Dr Mizzi, stante li l-valur tal-kuntratt, skont kif ġie rappurtat, kien jeċċedi l-ammont iffissat mill-artikolu 10 tal-Kapitolu 409.

Inti mitlub twieġeb sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 6 ta' Marzu 2020**.

Ninformak li inti m'intix is-suġġett tal-indaġni tiegħi u qed tiġi mitlub biss tfornini bl-informazzjoni msemmija fuq.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Malta
Tourism Authority

DOKUMENT Ċ

3 ta' Marzu 2020

Dr. George Marius Hyzler,
Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika
Ufficcju tal-Kummissarju ghall-istandards fil-Hajja Pubblika,
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210.

Dr. Hyzler,

**Re: Ilment dwar il-kuntratt ta' konsulenza moghti mill-Awtorita' tat-Turizmu lil Dr. Konrad Mizzi**

Nirreferi ghall-ittra tieghek tas-27 ta' Frar 2020.

Wara li ghamilt verifiki mal-Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita Maltija tat-Turizmu, nghid li l-Kap Ezekuttiv kien infurmat li l-Prim Ministru, li dak iz-zmien kien hu nnifsu politikament responsabbli mill-Ministeru tat-Turizmu u mill-Awtorita, kien ta d-direzzjoni biex isir it-tali kuntratt ta' konsulenza mal-persuna kkoncernata.

Il-Kap Ezekuttiv kien ivverifika hu stess mal-Prim Ministru li kien qed jaghti l-awtorizzazjoni tieghu biex isir.

Tislijiet,

**Gavin Gulia**
**Chairman**

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT D

6 ta' Marzu 2020

L-Onor Dr Joseph Muscat MP

Bl-email fuq l-indirizz
joseph.muscat@gov.mt

Onorevoli,

**Każ K/022: ingaġġ ta' Dr Konrad Mizzi bħala konsulent mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta**

Qed nibgħatlek kopja ta' ilment fejn jiena ġejt mitlub ninvestiga l-għoti ta' kuntratt lil Dr Konrad Mizzi bħala konsulent mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta f'Diċembru tal-2019.

Mill-indaġni li għamilt s'issa, jirriżulta li Dr Mizzi ġie ingaġġat mill-kap eżekuttiv tal-Awtorità tat-Turiżmu fuq l-istruzzjonijiet tiegħek bħala ministru responsabbli għat-turiżmu. Nitolbok tara l-ittra annessa, li hija mingħand iċ-Chairman tal-Awtorità.

Nosserva li skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (il-kapitolu 409 tal-liġijiet ta' Malta), il-ministru responsabbli għat-turiżmu għandu s-setgħat li:

- jagħti direttivi bil-miktub, li għandhom jiġu ppubblikati, lill-Awtorità dwar il-politika u l-pjanijiet tal-Gvern (artiklu 5); u
- japprova l-għoti ta' kuntratti li jeċċedu ċertu valur (artikolu 10).

L-ilment jista' potenzjalment jiġi kkunsidrat bħala ksur *prima facie* tal-artikolu 5 tal-Att, li ma jagħtix is-setgħa lill-ministru li jagħti direzzjonijiet lill-Awtorità dwar min għandha tingaġġa bħala konsulent. L-artikolu 10 huwa konsistenti mal-artikolu 5 fis-sens li l-ministru jista' biss japprova proposti li jitressqu mill-Awtorità u mhux jagħti struzzjonijiet hu dwar l-għoti ta' kuntratti.

Nosserva wkoll li skont il-kuntratt, Dr Mizzi kien se jkun intitolat għall-ħlas ta' €80,400 fis-sena, apparti mill-użu ta' karozza u assikurazzjoni dwar is-saħħa. Mad-daqqa t'għajn dan jidher eċċessiv meta mqabbel mas-salarju ta' madwar €56,300 li kellu Dr Mizzi bħala ministru, b'mod partikolari meta l-kuntratt kien

jispeċifika li Dr Mizzi ma kienx qed jiġi ingaġġat fuq bażi esklussiva u seta' jwettaq xogħol ieħor.

Għaldaqstant jiena għandi nikkunsidra dan il-każ fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570):

- azzjoni kontra dak li trid il-liġi u ksur ta' dmir statutorju – artikolu 22(1)(a) u (b);
- tħaddim ta' setgħat diskrezzjonali b'mod li jikkostitwixxi abbuż ta' poter – artikolu 22(2).

Għandi nikkunsidra l-każ ukoll fil-kuntest tas-segwenti paragrafi tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-istess Att:

> *4.5 Il-Ministri għandhom jaraw li d-dipartimenti governattivi u l-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tagħhom jitmexxew tajjeb u b'għaqal.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*
>
> *5.4 Oġġettività – fil-qadi tad-doveri pubbliċi, inkluż fil-ħatriet għall-karigi, l-għoti ta' kuntratti, jew fil-kuntest ta' kull għoti ta' benefiċċji.*
>
> *5.8 Ġustizzja u rispett – fl-imġiba tagħhom u deċiżjonijiet li jieħdu, il-Ministri għandhom juru rispett lejn l-istituzzjonijiet u għandhom jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż. ...*

Inti ġentilment mitlub tagħti r-reazzjonijiet tiegħek dwar l-ilment. Napprezza risposta sa nhar il-**Ġimgħa 20 ta' Marzu 2020**.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT E

20 ta' Marzu 2020

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11 St Paul Street
Valletta VLT1211

Għażiż Dr Hyzler,

Każ K/022 – Ingaġġ ta' Dr Konrad Mizzi bħala konsulent mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta

Nagħmel riferenza għall-ittra tiegħek tas-6 ta' Marzu 2020.

Dawn huma l-fatti b'rabta mal-ingaġġ ta' Dr Konrad Mizzi bħala konsulent mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta.

F'mument ta' tranżizzjoni politika u amministrattiva, u mar-riżenja ta' Dr Konrad Mizzi minn Ministru għat-Turiżmu, ir-responsabbilità tal-Gvern kienet titlob li l-industrija tat-turiżmu tara kontinwità.

Mar-riżenja tiegħu mill-Kabinett tal-Ministri, Dr Mizzi wera d-disponibilità tiegħu li jassisti l-isforzi tal-Gvern fl-interess nazzjonali fi żmien meta jien kont għadni kif assumejt taħt il-portafoll tal-Prim Ministru dawk ir-responsabbiltajiet u entitajiet li kienu jaqgħu taħt il-Ministeru tat-Turiżmu. Kienet ukoll fażi tranżitorja fejn l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta kienet ingaġġat Kap Eżekuttiv ġdid, il-proċess ta' ristrutturar tal-Air Malta taħt id-direzzjoni ta' Dr Konrad Mizzi kien għadu qed jiġi implimentat, u l-istrateġija ta' swieq ġodda għat-turiżmu kienet qed tiġi aġġornata u mwettqa.

L-ilment ta' Dr Carmel Cacopardo huwa allegazzjoni ġenerika li l-għoti tal-kuntratt ta' konsulenza lil Dr Konrad Mizzi jikkostitwixxi "nuqqas ta' mġieba etika korretta minn dawk kollha li kienu involuti." Nemmen li l-ilment ta' Dr Cacopardo għandu jkun meqjus bħala kritika politika partiġġjana li mhix imsejjsa la fuq il-fatti u lanqas fuq il-liġi.

In kwantu għall-osservazzjonijiet tiegħek fuq il-liġijiet applikabbli, nagħmel is-segwenti sottomissjonijiet:

Skont l-artikolu 6 (1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, "Meta Ministru jkun ingħata responsabbiltà għal xi dipartiment, aġenzija jew entità tal-Gvern skont l-artikolu 82 tal-Kostituzzjoni, dak il-Ministru għandu jkollu, skont l-artikolu 92 tal-Kostituzzjoni u bla ħsara għall-artikolu 6 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, id-direzzjoni ġenerali u l-kontroll ta' kull dipartiment, aġenzija u entità tal-Gvern li jistgħu jitqiegħdu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u jista' jagħti direzzjonijiet direttament lill-kap tad-dipartiment, lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, lill-Bord tad-Diretturi jew lil kull

impjegat li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, dwar kull ħaġa ħlief dwar ħwejjeġ fejn il-kap ta' dipartiment, Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, Bord tad-Diretturi jew impjegat ieħor ikunu meħtieġa b'xi liġi li jaġixxu (a) b'mod indipendenti; jew (b) skont id-direzzjoni ta' persuna jew awtorità oħra li ma tkunx il-Ministru.

Bħala Prim Ministru, u bħala Ministru responsabbli mill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, imxejt kif previst mill-liġi msemmija. Għalhekk, mhumiex l-artikoli ċitati minnek li huma applikabbli għal dawn id-direzzjonijiet iżda huma d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-poteri ministerjali fl-amministrazzjoni pubblika.

Irrid ngħid li la darba semmejt l-artikoli 5 u 10 tal-Kap 409, li jkun ferm aktar ġust li dawn jiġu ċitati b'mod sħiħ fejn allura jidher b'mod ċar li l-iskop u l-kuntest ta' dawn l-artikoli huwa differenti u ma jistax jiġġebbed għat-tifsira li ssuġġerejt int. L-artikolu 5 jipprovdi dwar il-Funzjonijiet tal-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta. Is-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 5 jipprovdu hekk:

"(2) Fl-esekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha, l-Awtorità taddotta u ssegwi l-politika u l-pjanijiet tal-Gvern u barra minn hekk taġixxi skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull liġi oħra li tapplika; u l-Awtorità tista' tagħmel dawk l-investimenti, kif japprova l-Ministru, u li jkunu meqjusa li jgħinu fil-promozzjoni u l-avvanz ta' Malta bħala destinazzjoni turistika.

(3) Il-Ministru jista', skont kif jidhirlu xieraq, minn żmien għal żmien, jagħti bil-miktub u jippubblika dawk id-direttivi dwar il-politika u l-pjanijiet tal-Gvern li għandhom jiġu adottati u segwiti mill-Awtorità, u l-Awtorità għandha, kemm jista' jkun malajr, taddotta u ssegwi dawk id-direttivi kollha."

Kif jidher ċar minn dawn id-dispożizzjonijiet l-iskop tagħhom kien li jobbliga lill-Awtorita' li teżegwixxi l-politika (policies) u l-pjanijiet tal-Gvern fil-qasam tat-turiżmu; kif ukoll li tassigura li l-investimenti meqjusa li jgħinu fil-promozzjoni u l-avvanz ta' Malta bħala destinazzjoni turistika, jiġu approvati mill-Ministru.

Kwantu għall-artikolu 10 ċitat minnek ukoll, ikolli nirrileva li dan ma jgħidx dak suġġerit minnek fl-ittra tiegħek. Int għidt li "l-artikolu 10 huwa konsistenti mal-artikolu 5 fis-sens li l-ministru jista' biss japprova proposti li jitressqu mill-Awtorita' u mhux jagħti struzzjonijiet hu dwar l-għoti ta' kuntratti." L-iskop tal-artikolu 10 mhuwiex li jillimita f'xi mod il-poteri tal-Ministru kif maħsuba fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Għall-kuntrarju l-iskop tal-artikolu 10 huwa li jillimita l-poter tal-Awtorita' li waħedha tagħmel kuntratti ta' provvista jew xogħolijiet li jeċċedu l-€232,937.34. Għal fini ta' kjarezza, dan l-artikolu jipprovdi hekk:

"10. Ħlief bl-approvazzjoni tal-Ministru, l-Awtorità m'għandhiex tagħmel kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjal jew għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet jew għall-għoti ta' servizzi, lil jew favur l-Awtorità, li jkun stmat mill-Awtorità bħala li jinvolvi spiża li teċċedi mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (232,937.34) jew kull ammont ieħor li l-Ministru jista' minn żmien għal

żmien jippreskrivi, ħlief wara li jkun ġie pubblikat avviż dwar l-intenzjoni tal-Awtorità li tagħmel dak il-kuntratt u jkunu nħarġu offerti kompetittivi."

Għalhekk huwa ċar li l-interpretazzjoni tiegħek tmur għal kollox kontra l-awtorita' statutorja li għandu Ministru fuq l-entitajiet li jaqgħu fil-portafoll ministerjali tiegħu, skont l-artikolu 6(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, u li jien ċert li int familjari miegħu u wżajt, b'mod korrett, meta kont f'kariga eżekuttiva. Il-fatt li l-Awtorita' ma tistax tagħmel ċertu nfiq mingħajr l-awtorizazzjoni tal-Ministru ma jfissirx li l-Ministru ma jistax hu jagħti direzzjoni lill-Awtorita'.

In kwantu għall-fehma espressa minnek dwar il-ħlas maħsub fil-kuntratt ta' servizz mogħti lil Dr Mizzi, fejn inti għedt li huwa eċċessiv, nistqarr li dik hija opinjoni soġġettiva. Wieħed irid iżid iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż il-ħtieġa kritika għas-servizz mitlub u l-ħiliet ta' min intalab jipprovdi s-servizzi, qabel jiġġudika l-ingaġġ bil-kundizzjonijiet indikati. Ma narax ir-rilevanza ta' tqabbil ta' drittijiet professjonali mal-paga ta' Ministru, ġaladarba Ministru ma jagħtix servizzi professjonali lill-Gvern, iżda jservi f'pożizzjoni politika skont il-Kostituzzjoni, liema pożizzjoni hemm marbuta magħha salarju speċifiku. Jien bħala Prim Ministru, Membri fil-Gvern tiegħi, predeċessuri tiegħi u Membri fil-Gvernijiet tagħhom b'mod sistematiku approvaw ħatriet simili bi ħlasijiet ogħla minn tagħhom, u saħansitra ogħla minn dak li qed jiġi skrutinizzat.

Meqjus dan, qiegħed nirrespinġi bil-qawwa s-suġġeriment li jien b'xi mod aġixxejt b'mod mhux etiku, u partikolarment li jien aġixxejt kontra dak li trid il-liġi u bi ksur ta' dritt statutorju (artikolu 22(1)(a) u (b) tal-Kap. 570) jew li ħaddimt setgħat diskrezzjonali b'mod li jikkostitwixxi abbuż ta' poter (artikolu 22(2)). Nassigurak li l-aġir tiegħi f'din il-materja, bħal f'każijiet oħra ta' amministrazzjoni pubblika, kien wieħed għaqli, u fl-aħjar interess pubbliku.

Dejjem tiegħek,

Dr Joseph Muscat